**Premjijiet Sekondarji (Consolation Prizes)**

Il-Ġurija jidhrilha wkoll li għandha tirrikkmanda li jingħataw "Consolation Prize", mhux biss lill-Kumpanniji l-oħra li ħadu sehem fil-konkors, iżda lill-Awturi wkoll, bħala inkuraġġiment għall-ispirtu artistiku u nazzjonali li wrew.

**Ferħ u Ġieħ lill-Fundatur u Organizzatur**

Il-Ġurija fl-aħħarnett jidhrilha li qabel tagħlaq dan ir-rapport tagħha tifraħ lill-Fundatur u Organizzatur tal-"Għaqda Bajda-u-Ħamra", is-Sur Nikol Biancardi, għar-riżultat hekk sabiħ li rnexxielu jikseb b'inkejja tat-tweġħir kbir li ltaqa' miegħu u troddlu ħajr f'isem dawk kollha li jħobbu l-arti drammatika għall-interess kbir li s'issa wera biex igħin bil-ħidma tiegħu fil-progress tal-Palk Malti—interess u ħidma li b'riħithom it-teatru Malti qed jieħu r-ruħ u jintrafa' mill-għajb ta' repertorju fqir u antikwat li fih ma kellna xejn oriġinali ħlief xi farsa u xi dramm miktubin fuq il-fasla ta' l-iskola qadima b'kitba nieqsa minn dak kollu li titlob il-letteratura drammatika tal-lum.

Bosta kittieba ġodda, bosta kumpanniji u l-arti drammatika nnifisha kienu jibqgħu reqdin f'dawn l-aħħar tliet snin li kieku ma kenitx il-ħeġġa u l-ħidma u s-sens artistiku tiegħu.

(Fti.) J.E. BUSUTTIL.
A. CREMONA.
GINO MUSCAT AZZOPARDI.
*Eżaminaturi.*

---

## KONTRIBUZZJONIJIET GĦAR-RIVISTA TAGĦNA

| | | | |
|---|---|---|---|
| Sur I. Muscat-Azzopardi, L.P. | £1 | 0 | 0 |
| Sur Geo. J. Vella | | 5 | 0 |
| Sur C. Vassallo, Ph.C. | | 7 | 6 |
| W.R. Patri Lett. P. Rapa, O.P. | | 5 | 0 |



## KTIEB ĠDID TA' ALB. CASSOLA

ALBERT CASSOLA, magħruf flimkien ma' sħabu Ġino Ivo Muscat Azzopardi, Ġ. Pisani u E. Serracino Inglott bħala kommedjografu tal-Palk Modern Malti, din id-darba, wara ftit li rregala lil-letteratura drammatika tagħna ġabra sabiħa ta' xogħlijiet drammatiċi, ħareġ ktieb li fih ġabra ġmielha ta' proża u poeżija magħżula li huwa kiteb 'l hawn u 'l hinn mill-1934 'l hawn, iżda l-iktar f'dawn is-seba' snin ta' l-aħħar.

Fil-prefazzjoni tal-ktieb huwa jgħid li ħafna mill-bċejjeċ tal-proża u poeżija kienu ntgħażlu biex jinqraw f'akkademji u programmi u li oħrajn minnhom ħadu l-premju f'konkorsi, iżda aħna jidhrilna illi l-proża ta' Cassola, (biex ma ngħidx ukoll il-versi), li tixbaħ lil ta' De Amicis, u li fil-Malti għandha ċertu stil tagħha, għalkemm kultant imżewqa b'xi kelma mqansħa fil-puriżmu tagħha, ma kellhiex bżonn ta' ċertifikati biex tinqara u biex il-ktieb isib il-bejgħ tiegħu, għax, kif igħid it-Taljan, il-ktieb "si raccomanda da se".

Hekk ukoll nistgħu ngħidu għat-titolu tal-ktieb imsemmi "Ġabra ta' Ġawhar". Il-qarrej Malti l-lum jaf jara bil-għajnejn ta' moħħu, bla għajnuna ta' nuċċalijiet, u jagħraf jekk il-proża jew versi jistgħux tassew jissejħu bl-isem ta' ġawhar mill-*bejjiegħ tad-deheb tal-letteratura Maltija*, jekk il-ħaġar tiegħu hux ġawhar jew le.

Billi ma kellniex żmien biżżejjed biex niflu dan il-ktieb li l-Awtur għoġbu jibagħtilna bi ħlewwa u qima, għal din id-darba ma nistgħu ngħidu xejn iżjed ħlief li l-qarrej tagħna jaqbillu jżejjen il-librerija tiegħu b'din il-ġawhra ġdida ta' ktieb u li jekk jiksbu huwa jkollu ktieb li, barra mill-merti tiegħu letterarji, għandu mertu ieħor artistiku tipografiku, jiġifieri ktieb imżejjen u mirqum bi stampa u karta mill-aħjar u li fl-aħħarnett, għalkemm jiswa ħafna, ma jqumx ħlief 3s. 6d. Jinxtara minn għand il-librara Aquilina ta' Triq Irjali, u Muscat ta' Triq il-Merkanti, il-Belt.